MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru 618/2008

Il-Pulizija
(Spetturi Jeffrey Cilia u Joseph Mercieca)

vs

Francis Cassar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta numru ta' identita' 515465(m), akkuzat talli:

1. fl-14 ta' Lulju 2008 ghal habta ta' nofs il-lejl fi Triq Sant'Anna Floriana volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' vettura tal-marka Toyota Hi-ace numru ta' registrazzjoni EVY003, liema hsara teccedi 1460.69 Ewro

u li saret ghad-dannu tas-socjeta' Drifter Car Rentals Co, Ltd u/jew ta' persuni u/jew entitajiet ohra;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ffurma f'gemgha ta' tlett persuni jew aktar jew baqa' flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b'mod tali u taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'ohra, li setghu jgibu twerwir u biza fost in-nies f'Malta;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxar minn nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm dik il-gemgha ta'nies ma kienet giet imxewxa minn hadd in partikolari u li l-istess reat li kien mahsub fil-fatt sar;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha;
5. fl-14 ta' Lulju 2008, ghal habta tas-2pm fit-Telgha tal Krucifiss Floriana volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe', hsara fil-vettura tal-marka Dennis numru ta' registrazzjoni JCY989 liema hsara teccedi 1460.69 Ewro u saret ghad-dannu tas-socjeta' AIL Ltd
u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ffurma f'parti minn gemgha ta' tlett persuni
jew aktar jew baqa' flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b'mod tali u taht
cirkustanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'ohra li jistghu jgibu twerwir u biza fost in-nies f'Malta;

7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija ha parti
attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxxa minn hadd in partikolari, u li l-istess reat li kien mahsub fil-fatt sar;

8. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita'

kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-Charles Camilleri u persuni kontra l-volonta' taghhom;

9. iktar minn hekk fl-istess data f'xi hin filghodu fi Pjazza Kastilja fil-Belt Valletta
ffurma f'parti minn gemgha ta' tnax il-persuna jew aktar migmughin flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika, wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita' kompetenti biex jixxerrdu u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi f'numru ta' tnax jew aktar ghal zmien siegha wara li kienet giet maghmula dik it-twissija pubblika;

10. aktar fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija
ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxar minn nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm dik il-gemgha ta' nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxa minn hadd in partikolari u li l-istess reat li kien mahsub fil-fatt sar;

11. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija attakka
jew ghamel resiztenza bi vjolenza jew hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra diversi persuni inkarigati minn servizz pubbliku skond il-ligi filwaqt li huma kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi l-kawza titratta l-involviment tal-imputat f’tlett incidenti li sehhew waqt lis-strike tat-trasport pubbliku fl-14 ta’ Lulju 2008: wiehed f’xi hin bejn l-14 u l-15 ta’ Lulju fejn numru ta’ persuni assaltaw u ghelbu mini-van ‘tal-bojod’ fi Triq Sant’Anna, l-Florjana, u ikkagunawla hsarat konsiderevoli ghad-dannu tas-socjeta’ Drifter Car Rentals Company Limited; iehor ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofs in-nhar fejn numru ta’ persuni attakkaw ‘coach’ tal-marka ‘Dennis’, ikkagunawlha hsarat konsiderevoli ghad-dannu tas-socjeta’ AIL Ltd u zammew lis-sewwieq taghha kontra l-volonta’ tieghu; tal-ahhar fejn numru ta’ persuni telghu Pjazza Kastilja u ngemghu hemm kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika. Ergo l-imputazzjonijiet addebitati kontra l-imputat huma mfirxa fi ksur tal-Artikoli 325(a), 79, 68(2), 86, 80 u 96 tal-Kap 9.

Illi fil-maggoranza taghhom l-imputazzjonijiet jolqtu disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali taht it-Titolu II tat-Taqsima II intestat “Fuq id-Delitti Kontra il-Paci Pubblika” senjatament fost minn dawk li jittrattaw l-attruppament. Inghad dan ghal fini ta’ logicita’ u sekwenza l-Qorti hi tal-fehma li l-imputazzjonijiet ikunu ahjar trattati u applikabbli fil-konfront tal-imputat fid-dawl tal-incidenti singoli li jikkaretterizzaw din il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel incident hu dak tat-Toyota mini-van numru ta’ registrazzjoni EVY003. Dwar dan l-incident xehdu certu Thaddeus Shumi ta’ nazzjonalita’ Etijopi, is-sewwieq certu Manwel Montanaro, PS 1142 Joseph Pace u PS 561 David Portelli. Konformi max-xhieda taghhom huwa fatt cert li l-van gie assaltat minn numru ta’ nies li kienu fin-numru ta’ circa hamsin appena l-mini-van kien fi triqtu li jwassal l-ahhar passigier, ossija l-persuna barranija, s-Swatar. Dan kien qieghed isir fil-kors ta’xoghol kontrattwali li s-socjeta’ proprjetarja tal-mini-van, Drifter

Car Hire, kellha mal-Lukanda Ramla Bay sabiex jitwasslu lura l-impjegati tal-imsemmija lukanda. Fil-kors tal-assaltar il-persuna barranija xehed li kien qala' xi daqtejn ta' ponn fuq wiccu. Dwar hsara kagjonata lill-vettura din tirrizulta f'ammont ta' tlett elef Ewro. Intant, l-imputazzjonijiet riferibbli ghal dan l-incident jippotizzaw il-hsara volontarja, l-arrest, detenzjoni jew sekwestru, u l-attruppament jew l-assemblea illegali. Fir-rigward tal-ahhar id-disposizzjonijiet rilevanti jaqraw:
Artikolu 68(2): "Kull min jiehu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma tkun giet imxewwxa minn hadd in partikolari, jehel meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tlitt t'ijiem sa tliet xhur jew il-multa";
Artikolu 68(3): "Jekk ir-reat li dik il-gemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel fil-fatt isir, ghandhom jigu moghtija, jekk il-piena stabbilita' ghar-reat tkun anqas, [] il-pieni biz-zieda ta' grad; izda jekk il-piena li hemm ghar-reat tkun aktar minn dawn il-pieni, jew daqshom, ghandha tigi moghtija dik il-piena biz-zieda ta' grad";
Artikolu 79(1): "Jekk tlitt persuni jew aktar jingemghu jew jibqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b'mod tali u taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'ohra, li jistghu jgibu twerwir u biza' fost in-nies f'Malta, kull gemgha bhal dik, titqies kontra l-ligi, u kull persuna li tkun hadet sehem fiha, tehel meta tinstab hatja, il-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa tnax-il xahar;
Artikolu 79(2): "Jekk dawk il-persuni migmugha kontra l-ligi jghaddu, ghal kollox jew f'parti, biex jesegwixxu l-hsieb taghhom ta' flimkien inkella jittantaw li jesegwuh, kull persuna li tkun hekk ingemghat tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tmintax il-xahar".

Issa l-imputat huwa direttament implikat, almenu f'dawn l-ahhar reati, mix-xhieda tas-Surgent (folio 86) li gharaf posittivament lill-imputat fost il-gemgha nies (hu jsemmi li kienu bejn tlettin u erbghin) li iccirkondaw il-mini-van, hargu ix-xufier minnu u helbu l-imsemmi van. Jghid però dan ix-xhud li hu ma' rax lill-imputat attivament jeghleb il-van. Fid-dawl ta' dan il-Qorti hi sodisfatta li l-impuat

ghandu jinstab biss hati fil-parametri ta’ l-Artikolu 68(2) u 79(1) fuq citati.

Ikkonsidrat:

Dwar l-incident li involva l-‘coach’ proprjeta’ tas-socjeta AIL Limited numru ta’ registrazzjoni YCY 989 hija bil-wisq sufficjenti x-xhieda ta’ Charles Camilleri (folio 33) s-sewwieq taghha li spjega l-fatti u gharaf l-imputat fost il-gemgha nies, li jghid kienu aktar minn hamsin, li assaltawha waqt li kien qed jistenna biex jghabbi xi turisti li aktar kmieni kien wassal sal-Belt u li minhabba t-tgegwigijja ta’ traffiku li kien hemm, kien qed jistennihom fejn il-pompa tal-petrol fit-Telgha tal-Krucifiss, il-Floriana. Jghid ix-xhud vis-a-vis l-imputat li rah bil-mera mqaccta tal-‘coach’ f’idu jaghti biha fuq il-‘windscreen’, ghalkemm zied li kien hemm bosta persuni ohra, parti mill-gemgha, li kienu wkoll qed isabbtu fuq l-‘windscreen’.  Intant, l-imputazzjonijiet riferibbilment ghal dan l-incident huma bhal dawk tal-incident appena diskuss. B’referenza ghall-artikoli tal-ligi gia’ citati fir-rigward l-attruppament jew l-assemlea illegali hawn ukoll l-imputat ghandu jinstab hati fil-parametri tal-Artikolu 68(2) u 79(1) fuq citati. Pero’ghad-differenza tal-ewwel incident fuq deskritt l-imputat ghandu wkoll fuq l-iskorta tax-xhieda jinstab hati ta’ hsara volontarja lill-‘coach’ u ta’ arrest, detenzjoni u sekwestru tas-sewwieq cioe’ ta’ Charles Camilleri.

Illi dwar l-ahhar incident li jirriferi ghall-attruppament jew assemblea illegali quddiem Kastilja, mix-xhieda tal-Assistant Kummissarju Brincat l-Qorti tintravedi kontra l-imputat ir-reat ta’ attruppament jew assemblea illegali bi ksur ta’l-Artikolu 68(2), mhux pero’ taht is-subincis (3) tieghu, wkoll r-reat ta’ rewwixta mahsub fl-Artikolu 79 (1) izda mhux taht is-subincis (2) tieghu. Mhux ukoll, pero’, tar-reat kontemplat taht l-Artikolu 80, dejjem tal-Kodici Kriminali, li jittratta nuqqas li wiehed jobdi l-ordni biex kulhadd jixxerred fil-kuntest ta’ rewwixta. Dwar r-reat addebitat lill-imputat ai

termini tal-Artikolu 96 (idem) l-Qorti hi tal-fehma li m'hemmx l-estremi li huwa dan l-artikolu li hu applikabbli bensi' huwa l-Artikolu 95 li jittratta offizi fuq ufficjali pubblici 'vel contemplazione uffici' hekk kif stabbilita bhala kontravenzjoni.

Ikkunsidrat dwar il-piena:
Illi fil-fehma tal-Qorti ftit jew xejn hemm x'jiggustifika l-agir tal-imputat fl-incidenti meritu l-kawza, kienu x'kienu d-diffikultajiet tieghu. Id-digenerazzjoni fi vjolenza, hiex fizika jew morali, partikolarment jekk indirizzata kontra persuni estranji u f'demokrazija li ghandha s-salvagwardji ghat-tutela tad-dritt difficilment tista' ssib gustifikazzjoni. B'danakollu l-Qorti mhiex tal-fehma li ghandha tapplika l-prigunerija effettiva f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 68(2), 79(1), 86, 325(a), 95, 17(b)(h) tal-Kap 9, tikkundanna l-imputat ghal ghoxrin xahar prigunerija u elf Ewro multa. Tordna li l-perjodu ta' prigunerija jibqa' sospiz ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum sakemm huwa ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija zmien tlett snin mill-lum ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret lill-imputat r-responsabbiltajiet tieghu skond l-Artikolu 28(4) tac-citat Kap.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------